## MIRAKLI U SINJALI

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ewwel Ktieb tas-Slaten**
**1 Slat 17, 17-24**

F'dak iż-żmien: It-tifel tal-mara, sidt id-dar, waqa' marid, u l-marda tiegħu ħadet għall-agħar sa ma neħħietlu ħajtu. U l-mara qalet lil Elija: "Aħna x'għandna x'naqsmu, raġel ta' Alla, biex dħalt għandi tfakkarni ħżuniti u ġibt il-mewt fuq ibni?'' Elija qalilha: "Tini 'l ibnek 'il hawn.'' Ħadulha minn ħdanha, u tellgħu fuq, fil-għorfa fejn kien qed joqgħod hu, u meddu fuq il-friex tiegħu. U sejjaħ lill-Mulej u qal: "Mulej, Alla tiegħi, lil din l-armla wkoll, li magħha qed noqgħod, tfajtha fil-hemm, biex tajt il-mewt lil binha?'' Imbagħad imtedd tliet darbiet fuq it-tifel, u sejjaġ lill-Mulej u qal: "Mulej, Alla tiegħi, ħa terġa' ruħu ġo fih dat-tifel!'' U l-Mulej taħ widen lil Elija, u t-tifel reġgħet ruħu ġo fih, u ħa l-ħajja. Elija ħa t-tifel, niżżlu miegħu d-dar mill-għorfa, u tah lil ommu. Elija qalilha: "Arah ħaj, ibnek.'' U l-mara qalet lil Elija: "Issa, iva, naf li int raġel ta' Alla u li l-kelma tal-Mulej fuq fommok hija s-sewwa.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 79**
**Ngħollik, Mulej, għax erfajtni.**

Ngħollik, Mulej, għax erfajtni,
U ma ferraħtx l-għedewwa tiegħi bija.
Mulej, tellajtli 'l ruħi mill-imwiet,
ħlistni minn dawk li jinżlu fil-ħofra.

**R/. Ngħollik, Mulej, għax erfajtni**

Għannu lill-Mulej, o ħbieb tiegħu,
u faħħru t-tifkira mqaddsa tiegħu.
Għax is-saħna tiegħu ftit iddum,
iżda tjubitu għomor sħiħ.
Filgħaxija jidħol il-biki,
Filgħodu jfeġġ il-hena.

**R/. Ngħollik, Mulej, għax erfajtni.**

Ismagħni, Mulej, u ħenn għalija,
Mulej, kun il-għajnuna tiegħi!
Int bdiltli fi żfin il-għali tiegħi;
Mulej, Alla tiegħi, infaħħrek għal dejjem.

**R/. Ngħollik, Mulej, għax erfajtni.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Galatin**

**Gal 1, 11-19**

Dan ngħarrafkom, ħuti: l-Evanġelju li ħabbartilkom jiena mhuwiex evanġelju tal-bnedmin. Għaliex jiena mhux mingħand bniedem irċevejtu jew tgħallimtu, imma kien irrevelat lili minn Ġesu Kristu.
Intom smajtu bl-imġiba tiegħi meta kont għadni fir-reliġjon Lhudija kif kont nippersegwita bis-sħiħ il-Knisja ta' Alla u nfittex li nħarbatha, u kemm kont 'il quddiem fir-reliġjon Lhudija fost il-poplu tiegħi, aktar minn sħabi kollha ta' mpari, imġennen kif kont għat-tradizzjonijiet ta' missirijieti. Imma meta Dak li għażilni sa minn ġuf ommi, u li sejjaħli permezz tal-grazzja tiegħu, għoġbu jirrevelali lil Ibnu biex inħabbru fost il-ġnus, minnufih, bla ma qgħadt infittex li nieħu parir mingħand bnedmin tal-laħam u d-demm, bla ma tlajt Ġerusalem għand dawk li kienu appostli qabli, jiena mort fil-Għarabija, u mbagħad erġajt lura lejn Damasku.
Imbagħad, tliet snin wara, tlajt Ġerusalem inżur lil Kefa, u bqajt miegħu ħmistax-il ġurnata; mill-appostli l-oħra ma rajt 'il ħadd ħlief 'il Ġakbu, ħu l-Mulej.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah**
Ilqgħu l-kelma ta' Alla,
mhux bħala kelma ta' bniedem,
iżda bħala kelma ta' Alla, kif tassew hi.
**Hallelujah.**

**✠L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa**
**Lq 7, 11-17**

F'dak iż-żmien: Ġesu mar f'belt jisimha Najm, u marru miegħu d-dixxipli tiegħu u kotra kbira ta' nies.
Kif wasal qrib il-bieb tal-belt, kienu qegħdin iġorru wieħed mejjet li ommu mara armla, ma kellhiex ħliefu; u magħha kien hemm għad ġmielu ta' nies mill-belt. Kif raha l-Mulej tħassarha. "Tibkix,'' qalilha. Imbagħad resaq u mess it-tebut, u dawk li kienu qegħdin jerfugħ waqfu. U qal: "żagħżugħ, qiegħed ngħidlek, qum!'' U l-mejjet qam bilqiegħda u beda jitkellem. U Ġesu' tah lil ommu. U n-nies kollha qabadhom il-biża', u bdew jagħtu glorja 'l Alla u jgħidu li "Profeta kbir qam fostna.'' u li "Alla żar il-popli tiegħu.''
U dan li ntqal fuqu xtered mal-Lhudija kollha u ma' dawk l-inħawi kollha.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu.**